# Beati u Qaddisin....Marzu

## SANTA KOLETTA BOYLETT

## MARZU 6

Kienu jsejhulha Nikoletta fil-qosor Koletta f'gieh San Nikola minn Bari. Wara l-mewt tal-ġenituri tagħha hija kellha l-ewwel esperjenza ta' ħajja reliġjuża ta' 18 il-sena. Fuq parir tal-frangiskan Enrico di Baume hija ħalliet dik il-ħajja reliġjuża wara seba' snin biex tingħaqad mal-Klarissi. Kienet soru ezemplari ħafna u ta' tjubija liema bħala hekk li Alla zejjinha b'doni kbar, bħalma kienu l-estasi, profeziji, qari tal-qlub u rivelazzjonijiet fuq erwieħ li kienu ħallew din id-dinja, saħansitra anke billi opprat mirakli.



Xi wħud anke rawha tipprattika r-regola severa oriġinali tal-Klarissi. Twieldet meta ommha kienet diġa' kellha 60 sena, minkejja li l-omm talbet għal snin twal li jkollha iben. It-talba tagħha kif xtaqitha hi qatt ma seħħet.  Ir-rieda ta' Alla kienet li l-wild ikun femminili. Billi t-talb tagħha kien indirizzat lejn l-intercessjoni ta' San Nikola ta' Bari, li kien meqjum ħafna f'dik l-epoka, ommha semmietha għall- qaddis, Kolett. Missierha kien impjegat bħala mastrudaxxa fil-kunvent tal-benedittini.

Sa minn mindu kienet zgħira t-tfajla kienet tagħmel opri ta' karita' u penitenza.  Kienet il-providenza divina li llluminat lil Kolett biex tirriforma l-ordni tal-Klarissi, liema riforma seħħet wara xi problemi u taħbit. Barra dan hija rnexxilha twaqqaf 17 il-kunvent gdid biex fih iħaddnu nisa li riedu jgħixu l-ħajja konsagrata.

Il-frangiskan Pietro de Vaux li kien jafha personalment u kien prezenti fil-mumenti ta' l-ahhar ta' hajjitha jirrakonta fost l-ohrajn li Kolett kellha dehriet angelici li kienu jharsuha mill-attakki tax-xitan.

Hija mietet fis-6 ta' Marzu tas-sena 1447, u kien il-Papa Piju VII li ghamilha qaddisa.

Ta' min isemmi li s-soru kienet tkun ittentata hafna waqt it-talb mix-xitan biex ma jhallihiex titlob u meta darba llamentat ma' Alla dwar dan, ix-xitan qalilha: "Ieqaf mit-talb tieghek ghaliex it-talb tieghek jahqarna aktar milli ahna nahqru lilek."